KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 30 – L-Erbgħa 25 ta' Frar 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 28 TA' 20 TA' JANNAR 2015 U MINUTI NR 29 TAT-18 TA' FRAR 2015

1.1 Ġew approvati il-minuti nr 28 ta' l-20 ta' Jannar 2015 u minuti nr 29 tat-18 ta' Frar 2015 wara li saru xi korrezzjonijiet.
1.2 Dr. Marc Sant, Minority Leader, għamel korrezzjoni fuq 2.1 li l-ammont ta' l-allokkazzjoni irid jaqra €238,939.00 għal sena.
1.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondat mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 28 ta' 20 ta' Jannar 2015 29 ta' 18 ta' Frar ġew approvati unanimament.

1.4 Fuq proposta ta' Dr. Marc Sant sekondat mi-Sinjorina Stephanie Cutajar il-minuti nr 29 tat-18 ta' Frar ġew approvati unanimament.

## 2. ARISING FUQ MINUTI NR 28 TA' L-20 TA' JANNAR 2015

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, staqsiet kif konna bqajna jekk kienux instabu l-kotba tal-librerija. Is-Segretarju spjegat li matul l-aħħar ġimgħa kienet qed tindaga fuq dawn il-kotba. Il-*University Residence* ikkonfermaw li humiex għandhom. Hija staqsiet lis-Segretarju ta' qabel fejn huwa qal li dawn tħallew l-iskola u ġew ippakjati minn nies ta' l-iskola stess. Tkellmet ukoll mal-*Headmistress* imma sa fejn taf hi dawn m'humiex l-iskola. Is-Segretarju tkellmet ma' *teacher* li kienet hemm f'dak iż-żmien imma qalet li dawn il-kotba ippakjawhom u ħaduhom il-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju kompliet tgħid li tkellmet ukoll mal-*librarian* ta' dak iż-żmien u qalet li dawn il-kotba ittieħdu t-Torri Belvedere jew il-Librerija Pubblika f'Belt-is-Sebħ.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia baqgħet issostni li hija bl-idea li dawn il-kotba qegħdin il-*University Residence.*

2.3 Ġie deċis li għandna nistaqsu lis-Sur Borg tal-Librerija Pubblika fuq dawn il-kotba.

2.4 Il-librerija ta' l-iskola kienet devoluta lill-Kunsill għal sena biss u kienet għad diskrezzjoni ta' l-iskola li l-librerija tkompli..

2.5 Il-Ħaddiema tal-Kunsill kienu għamlu *refurbishing* fuq il-kamra tal-librerija u li issa qed tintuża bħala uffiċċju tal-*Headmistress.*

2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq ir-Rotta tal-karozza tal-linja li tagħddi minn Tal-Mirakli. Is-Segretarju spjegat li meta staqsejna lit-TM Trasport Pubbliku qalulna li l-ebda rotta ma inbidlet. Hemm rotta nr 106 ta' Mater Dei u rotta nr 55 li tmur u tiġi il-Belt.

2.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li r-rotta fuq in-naħa tal-Mirakli tidher u qegħda hemm imma s-servizz għadu ma bediex u l-anqas il-bus stop għada ma saret. Din ir-rotta suppost għandha tgħaddi minn triq Kardinal Ferretti u Triq Santa Mansweta. Hija kompliet tgħid li anke Dr. Maria Attard tat-Traffic management kienet qalet li din ir-rotta teżisti.

2.8 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq nr 2.11 – 2.12 fuq il-ħlas ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr. Kris Balzan u li hu għandu jitħallas bis-siegħa u mhux bir-retainer. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet tkellmet ma' l-Avukat u hu qal li l-ammont ta' siegħat li jaħdem jiġi l-istess daqs l-ammont tar-retainer. Kemm is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u kemm is-Segretarju tkellmu kemm Dr. Balzan jieħu l-affarijiet tal-Kunsill

bis-serjeta u li huwa stess jibgħat reminders lill-Kunsill ta' l-affarijiet pendenti. Is-Sur Massimo Scerri ikkonferma dan kollu ukoll. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hu anke jkollu xogżol tal-MEPA fuq il-Kunsill. Għandhna nistaqsu lil Dr.Balzan li din is-sena jitħallas bis-siegħat għalhekk Dr.Balzan għandu jibda jagħti *breakdown* tas-siegħat li huwa jaħdem fuq il-Kunsill.

2.9 Il-Minority Leader staqsa fuq 3.2, fuq il-*complaint* tar-*rusty poles*. Is-Segretarju nfurmat li dawn il-*poles* kienu rrapportati. Għandna nagħmlu iktar *pressure* għax huma urġenti ħafna.

2.10 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq 3.3 fuq Triq Il-Pantar. Huwa qed jgħid li ma jafx kemm hu 'worth it' li tinbagħat l-ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali. Dan sar fuq suġġeriment ta' l-Avukat Dr.Kris Balzan. Is-Sindku spjegat li meta kellna il-laqgħa mad-Direttur, is-Sur Carmel Abela, konna tkellimna miegħu ukoll. Ahna għedna lid-Direttur li jekk ma ningħatawx fondi għal din it-triq li jagħddu ħafna trukkijiet u saret triq arterjali, il-Kunsill ma jiflax iħallas il-*claims* bil-ħsarat tal-karozzi, li qed nirċievu u li għad irid nirċievu. Biex isir xogħol sewwa f'din it-Triq, il-ħsara li hemm trid tissewwa bil-*hot asphalt*.

2.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dakinnhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015 kien sar xi patching mit-TM f'din it-triq bil-*cold asphalt*. Skoprejna li dan ix-xogħol sar peress li kien xogħol urġenti anke b'rapporti tal-pulizija minħabba l-aċċidenti li kien hemm minħabba x-xita. Skoprejna ukoll li t-TM ser tibgħat il-kontijiet ta' dan ix-xogħol lill-Kunsill.

2.12 Il-Minority leader, Dr.Marc Sant staqsa, bl-istess argument li Triq Pantar hija tal-Kunsill, kif saru xogħolijiet ta' żebgħa f'din it-triq, liema xogħol mhux il-Kunsill għamlu.

2.13 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fuq il-media kien hemm li TM ser isewwi dawn il-*potholes* urgenti kollha u l-kontijiet ser jintbagħtu lill-Kunsill rispettiv.

2.14 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet x'kien sar fuq il-*bollards* tal-Mirakli, li l-Kunsill approva fl-aħħar laqgħa. s-Segretarju spjegat li dan ir-*request* kienet inbagħat lit-TM u TM bagħtu risposta li dawn ir-*removable bollards* jiġu approvati għal żmien ta' prova għal xahar biss. Il-Kunsill ipprotesta fuq din ir-risposta peress li qatt m'hu permess li wieħed jipparkja fuq il-bankina. Fl-istess ħin hemm *Keep Clear* li din tintuża biex il-gardinar ikun jista' jsaqqi. Ġie deċiż li nerġgħu nistaqsu lit-TM, għandha tinbagħat ittra lir-residenti u nikkwotaw il-liġi fuq *parking* fuq il-bankini. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet veru jekk hux *worth it* li dawn *il-bollards* isiru. Hija qalet li għandna

ngħidu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex itellgħu il-*bollards* li kienu fuq iz-zuntier fl-istess waqt li tintbagħat l-ittra. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 3. PROĠETTI KAPITALI

3.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-laqgħa li s-Sinku u s-Segretarju kellhom mal-*board* rigward il-Proġetti Kaptiali. Peress li Dr. Marc Sant kien indispost ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

3.2 Is-Sindku staqsiet lil Dr Sant jekk kellux xi ħadd f'rasu fuq il-proġett tal-*parking* fi Triq Preziosi meta melgħa l-applikazzjoni fuq il-proġetti Kapitali peress li fil-laqgħa mal-Board enfażizzaw li irridu indaħħlu l-privat. Dr. Sant qal kien ser idaħħal lill-periti fiha. Huwa qal li fl-applikazzjoni tat-Torri Belevere kien ser idaħħal lill-Blokrete. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li waqt il-laqgħa li kellna mal-*Board*, intqal li rridu nkunu iktar konkreti fuq il-proġetti, għandna nikkonvinċu iktar kif ser irendu dawn il-proġetti.

3.3 Hija tkellmet fuq l-applikazzjoni tat-Torri fejn qalet li jekk jiġi restawrat dan, jista' irendi minn naħa tal-kultura u turiżmu, jista jintuża bħala post fejn wieħed jista jagħmel *exhibition* zgħira anke b'*party* zgħir għal ftuħ għal din l-*exhibition*, jista' jintuża biex jittieħdu ritratti għall-mudelli u għarajjes u anke biex isiru żwiġijiet ċivili fejn is-Sindku ikun jista' iżżeweġ biċ-ċivil. Hija qalet li dawn l-affarijiet intogħoġbu mill-*Board*. Il-Board anke tawna kuntatt ta' xi ħadd li qiegħed fuq ir-restawr biss biex inkunu nistgħu nagħmlu kuntatt miegħu imbagħad jieħdu ħsieb il-Gvern.

3.4 Hija tkellmet fuq it-tieni proġett dak tal-Binja tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmat li lill-*Board* qaltlu li l-Kunsill ma għandux flus biex jibni il-binja tal-Kunsill għalkemm l-art hija tal-Gvern u tista tiġi devulota lill-Kunsill. Hija nfurmat li waqt li l-*Board* kienu qed jaraw il-pjanti hija qalet li jista jitla sular ieħor mingħajr ma tolgħa iktar mill-bini eżistenti u t-Torri, fejn ikun hemm is-sala tal-Kunsill li tista tinkera u jista jkun hemm xi fergħa tal-Posta u tal-Bank u Social Services. Peress li f'Hal Balzan ser jingħalqu dawn is-servizzi kollha, tas-Social Services u l-Posta ikun tajjeb li jinfetħu f'Ħal Lija u b'hekk inkunu qed nagħtu servizz lill-poplu. Is-Sindku nfurmat li l-posta qegħda tfittex post alternattiv. Allura tkun tista iddaħħal introjtu minn dawn l-entitajiet. Il-Board staqsa minn fejn ser inġibu l-flus, is-Sindku qalet li €55,000 kif hemm miktub fl-applikazzjoni mhux biżżejjed allura rridu nitkellmu mad-Direttur biex forsi anke l-Ministru jidħol anke bħala *guarantee* u nieħdu *loan* mill-Bank li ma jkunx iktar mis €700 fix-xahar li inħallsu għal kera tal-Kunsill. Il-

Board talab biex isiru iktar *costings* fuq dawn il-proġetti. s-Sindku kompliet tinforma lill-Kunsill li l-enfasi li l-Board kien qiegħed jagħmel hi li qiegħdin inħallsu kera għolja u lanqas biss għandna titolu għal binja tal-Kunsill.

3.5 It-tielet proġett dak tal- *parking* fi Triq Preziosi. Hija qalet li nfurmat lill-Board li f'Ħal Lija hemm problema ta' parking u kieku insolvu l-problema. Huma reġgħu staqsew jekk hux qed indaħħlu l-privat. Is-Sindku qalet kemm hi u kemm Dr. Sant għandhom li xi ħadd f'moħħhom imma din għad trid tiġi diskussa f'aktar dettal. Hija qalet li hemm xi ħadd li huwa interessat ħafna u li għandu l-art ħdejn triq Preziosi mingħajr ma missu s-siġar.

3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq Preziosi hemm permessi għal bini, imma s-Sindku qalet li apparti minnhekk hemm biċċa art ta' xi ħadd li huwa interessat fuq dan il-proġett mal-Kunsill

3.7 Is-Sindku ikkonkludiet li għandna nkomplu naħdmu fuq dawn il-proġetti biex inkunu nistgħu nagħtu iktar feedback. Hija qalet li għamiltha ċara mal-Board li l-Kunsill ma jistax iħallas flus allura l-fondi għandhom jiġu qabel ma jitlesta x-xogħol. Huma irrispondew li din hija possibilta imma mhux konfermata. s-Sindku nfurmat li hija ser tagħmel kuntatt ma entitajiet fuq dawn il-proġetti.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

4.1 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq kif bqajna fuq il-*Project Manager*

4.2 Is-Sindku qalet li għandna qed infittxu il-file tiegħu peress li m'huwiex fl-uffiċċju. Hija qalet li kull m'hemm hija l-*Letter of Acceptance* u tkellmet fuq kemm jagħti xogħol il-*Projects Manager*. Is-Sindku qalet li għandhna nerġgħu nistaqsu lill-Ex. Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq dan il-file u jekk jibqa ma jinstabx sa ħmistax oħra, l-Kunsill irid jieħu azzjoni. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li jekk ikollna inwaqqfu it-*Tender* tal-*Projects Manager* eżistenti noħorgu *call* fuq *quotations* u inaqqsu l-*percentage* anke forsi il-kuntratt tal-*mobile* fejn dan iħallsu l-*Projects Manager* u l-Kunsill iħallas lilu.

4.3 Id-Dipartiment kienu staqsew fuq il-file tal-*Projects Manager* u t-tweġiba tagħna kienet li kuntratt ma għandnix u għandna biss *Acceptance Letter*. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-*Contracts manager* jitħallas u huwa jagħti servizz, għalhekk defatti huwa jippreżenta VAT receipt.

4.4 Is-Sindku qalet li l-Perit qed jaħdem ukoll fuq il-Proġetti ta' l-*EU Funds*.

4.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq jekk kienx twaħħal il-*pole* li kienu daħlu fih fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. s-Segretarju nfurmat li dan il-*pole* twaħħal u qed nistennew l-*invoices* biex jintbagħtu lil l-Insurance.

4.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet tkellmet fuq il-problema tal-*parking* fin-nofs fuq id-dawra ta' Hal Lija kollha. Hija nfurmat li l-ġurnata ta' qabel għal ftit ma kienx hemm xi aċċident peress li kien hemm karozzi ipparjkati fin-nofs. Hija qalet li tkellimna diversi drabi mal-pulizija anke morna personalment imma xejn ma sar.

4.7 Il-Kunsill qabel li dan l-ilment nieħduh iktar il-fuq bħal per eżempju nitkellmu mal-*Head* tal-Pulizija. Dan minnbarra li huma perikolużi ħafna huma ukoll 'eye-sore' fir-raħal.

4.8 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant qal li l-*Membership* tal-Majjistral *Action Group* skadiet fit-2014 u ma ġietx imġeddha.

4.9 Huwa staqsa kif bqajna fuq il-*Measure 125*. Is-Segretarju nfurmat li il-*Manager* tal-Majjistral *Action Group* kienet qalet li kienet qed tistenna risposta fuq ix-xogħol ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela, peress li l-Kunsill kien ser jagħmel bidla fil-materjal biex jagħtuna *extension of time*. Hija fakkret li l-Kunsill kien ser jingħata €27,000 fuq dan il-proġett filwaqt li l-irħas tender kienet €44,000, jiġifieri l-Kunsill kien ser ikollu joħroġ id-differenza tal-flus. Id-*deadline* għal dawn il-fondi qabżet bi tlett xhur.

4.10 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li bħal Mellieha, l-Imġarr u postijiet oħra t-trejqiet saru bil-*concrete*, allura għaliex it-triq tagħna bilfors trid issir bit-*tarmac*. It-talba tal-Kunsill hija li l-ġnub isiru bit- *tarmac* u fin-nofs isir bil-*concrete*. Il-laqgħa kompliet b' diskussjoni fuq dan il-proġett.

4.11 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li jekk jaqbel il-Kunsill, Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ssir bil-*Concrete* biss pero s-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-perit ma jaqbilx minħabba l-ingenji jgħaddu minn hemm.

4.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-ħofor kbar li hemm fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li fil-Kunsill waslu rapport li din it-triq qeda tinqala u illum l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015 mar il-Perit u l-*Contracts Manager* 'on site' biex jivverifika jekk il-ħofor li hemm humiex tal-*patching* li kien sar mill-Ells Ltd is-sena l-oħra. Huwa iċċertifika li l-ħofor huma antiki. Is-Sindku staqsietu bejn wieħed u ieħor kemm jiġu biex tiġi ippeċċjati dawn il-ħofor. Huwa qal li bejn wieħed u ieħor dejjem trid €5000 għax huma ħofor fondi ħafna. Sar *patching* ieħor f'din it-triq li sar minn xi ħadd privat.

4.13 Is-Sindku issuġerit li għandha ssir tabella 'Road is dangerous' – ''Pot holes to be mended in the near future – 'Drive at your own risk' fit-tarf ta' Kinds u oħra in-naħa l-oħra.

4.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia enfażżizat li dawn il-ħofor għandhom jimtlew mill-ħaddiema tal-Kunsill bil-*cold asphalt.*

4.15 Tkellimna fuq il-*Bill Board* tal-*Jumbo Store* li qeda eżatt fid-daħla ta' Ħal Lija. s-Segretarju spjegat li hemm jista jkun hija triq arterjali, għalhekk għandna niċċekkjaw mal-MEPA fuq din. Meta kien hemm *bill board* oħra simili ftit taż-żmien ilu l-MEPA kienu ġeluhom ineħħuha peress li ma kellhomx permess.

4.16 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk kienux intbagħtu l-ittri lill-tal-ħwienet li għandhom is-*signs* biex iħallsu għalihom. Is-Segretarju nfurmat li dawn intbagħtu għat-tieni darba u nfurmat ukoll li l-*Projects Manager* reġgħa mar madwar ir-raħal biex jara hemmx iktar *signs* imma ma sabx. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li ser tkun hi personalment li tieħu ritratti ta' iktar *signs* li jista' jkun hemm.

4.17 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara li għamlet *request* lill-*Lands* peress li l-kuntratt tal-Mithna kien ser jiskadi f'April li ġej, issa ġie imġedded għal tlett snin oħra. Il-Kuntratt tat-Torri ser jiskadi fis-sena 2016.

## 5. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

5.1 Is-Sindku nfurmat li l-Kappillan avvża fuq id-data tal-laqgħa tal-lokalita'. Il-Kunsilliera kollha japprezzaw li l-Kappillan qed javża l-avviżi tal-Kunsill fil-quddies. Din anke tpoġġiet fuq il-*facebook.*

5.2 Kollox huwa lest għal din il-laqgħa u għandhom jiġu pprezentati rendikont tal-*Budget* hekk kif ippreżentathom l-*Accountant* lill-Kunsill. Għandna nistaqsu lill-*Accountant* biex naraw tkunx tista taddendi għal din il-laqgħa biex tagħti spjegazzjoni hi fuq dawn l-*Accounts.* Dr.Marc Sant avża li għal laqgħa tal-lokalita' ma jistax jattendi għax ser ikun imsiefer.

5.3 F'din il-laqgħa ukoll ser jiġu ippreżentati it-tlett *bye-laws* bl-ingliż u bil-Malti. Il-proċedura hi li r-residenti jarawhom għalhekk ser jiġu ippreżentati waqt il-laqgħa tal-lokalita' u min ikun interesssat ikun jista' jarahom.

5.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet tgħid li wara naraw xi ikollhom jgħidu r-residenti li ser jattendu.

5.5 Għandna nuru lir-residenti li l-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex iġib il-fondi.

## 6. KORRISPONDENZA

6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet li s-Sinjura Strickland ġiet bl-ittra li l-Kunsill stess għamlilha bl-avukat biex ninfurmaw lil dawn is-sinjuri li ser jagħmlu xogħolijiet fi triq Id-Dejqa għandhom jagħmlu Bank *Guarantee* ta' €5000.

6.2 Is-Sinjura Strickland kienet imweġġa ħafna u ħassewhom offiżi ħafna b'din l-ittra u esprimit li huma la ridu iwaqqfu xogħolijiet u anke huma 'in favour' li jsiru dawn ix-xogħolijet u jekk minħabba x-xogħolijiet tagħhom issir xi ħsara huma lesti li jħallsu l-ħsarat. Hija kompliet tgħid li huma nies ta' min jafdhom. Huma lesti li jibgħatu ittra lill-Kunsill fejn jgħidu dan kollhu. Il-Kunsill qabel li għandha tinbagħat din l-ittra, li ssir mingħandhom stess, minbarra is-Sinjorina Stephanie Cutajar. Il-Kunsill qabel li wara l-perit jiċċertifika ix-xogħolijiet tal-Kunsill li jara li kollox sewwa irid jerġa jiċċertifika ix-xogħolijiet wara li jlestu ix-xogħolijiet tas-Sinjuri Strickland u din tkun għas-spejjes tagħhom Għandhom ukoll jittieħdu ritratti. Għandna nitolbuhom *identification* tagħhom ukoll bħal kopja tal-passaport tagħha u tar-raġel.

## 7. VIP LIST

7.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hija kellha fuq it-*Three villages proposal – heritage walk* u fejn ma hemmx bzonn ta' fondi

7.2 Waslet rikjesta mingħand Mr. Nazzarenu Camillieri li jixtieq jagħmel *request* lill-Kunsill biex triq N. Cottoner tiġi 'one way'. Dan għaliex huwa qed jgħid li minħabba li jkun hemm ħafna karozzi pparkjati ħażin jkollok tghaddi minn fuq il-line il-ħażin, totalment 'wrong way' allura jkun hemm ċans ta' xi ħabta. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu dan ir-*request* lit-TM, anke jiġu 'on site'. Dan l-ilment għandhu ukoll jitressaq fil-laqgħa tal-lokalita' biex naraw il-*feedback* tar-residenti li ser jattendu.

7.3 Request ieħor huwa mingħand is-Sur Charles Sacco qed jagħmel *request* biex fil-ġenb tal-garaxx tieghu jsiru 1 *metre double yellow lines* għax qed jipparkjawlu. Il-garaxx qiegħed ma' dar 32 fi triq Mario Aguis. Fl-istess ħin is-Sinjura Deguara li toqogħod eżatt ħdejn is-Sur Sacco li kienet għamlet *request* għal biċċa *vertical line* mal-linja tal-garage tagħha ġiet il-Kunsill ukoll tibki li kull darba li jipparkjaw il-karozza quddiem il-bieb tagħha ikollha l-inkwiet. Issa jekk isiru *double yellow lines* fil-ġnub tal-garage ta' Sur Sacco ser jintilef il-*parking space* ta' quddiem id-dar tas-Sinjura Deguara.

7.4 Il-Kunsilliera raw ir-ritratti u ddiskutew din il-problema kbira. Ġie deċiż li nitkellmu mat-TM biex jiġu 'on site' u jaraw kif ser insolvu din il-problema filwaqt li għandna nistaqsuh jekk il-garage jintuża regolarment

7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li f'din it-triq hemm sinjali li mhux qegħdin sewwa.

7.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-*Meshartillity Project – Covenant of Mayors*. Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex jiltaqgħu mas-Sindku u s-Segretarju fuq *questionnaire* li irid jimtela. s-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li fid-dokumenti li għandna għadu qiegħed jidher is-Sindku reċedenti bħala firmatarju. s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qrat ir-rapport u qalet li dawn huma prinċipalment fuq studju. Dawn id-dokumenti għandhna nagħdduhom lill-Kunsilliera. s-Segretarju nfurmat li hija bagħtet lis-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali peress li l-Kunsill kien applika fuq Dr. Ian Castaldi Paris li kien is-Sindku qabel għall-*Covenant of Mayors*, jekk irridux nerġgħu napplikaw mill-ġdid jew inkella kemm inbiddlu l-isem. Is-Sindku u s-Segretarju kkonfermaw li l-għada il-Ħamis 26 ta' Frar kellhom jiltaqaw ma. Maureen ta' l-Assoċjazzjoni tal- Kunsilli Lokali fuq dan il-proġett.

7.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda tkellmet fuq il-proġett tal-Prof. Maria Attard fuq il-Lija Plans. Hija staqsiet biex il-Kunsill jiddeċiedi data meta nkunu nistgħu nerġgħu niltaqgħu ma Prof. Attard. Hija qalet li anke jekk ma għandnix flus għal dan il-proġett issa imma dejjem nistgħu napplikaw għal *EU funding.* Parti minn dawn il-*plans* japplikaw għalina u parti le. Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2015 at 5.00p.m.

7.8 *Request* mingħand is-Sur Joseph Bugeja qed jagħmel *request* biex issir mera fil-pjazza ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela kif taqbeż iċ-ċimiterju tal-abbati lejn Kinds. Il-Kunsill approva biex din ssir. Din trid tiġi ornata mal-mirja l-oħra.

7.9 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*feedback* tar-residenti rigward il-bankina ta' Triq Preziosi. Konna tajna ġimgħa ċans biex naraw jekk ir-residenti iridux il-bankina jew le. Minn ħamsa u għoxrin li taw il-*feeback* kien hemm ħamsa biss li qalu iva għal din il-bankina. Din għandha titressaq quddiem ir-residenti waqt il-laqgħa tal-lokalita'.

7.10 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġerit li forsi it-triq issir 'one way going out' imma fuq il-Borg xorta ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu. Irridu nistudjaw dan il-pjan għax b'hekk lir-residenti ser taqtalhom it-traffiku li jidħol minn naħa tal-Mosta speċjalment filgħodu. Dr. Marc Sant issuġerixxa li trid tiġi inforzata li ma jsirx 'no right turn' lejn triq Preziosi.

7.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq *Claim* ieħor li l-Kunsill irċieva fi Triq il-Pantar ta' €69.00.

7.12 Request ieħor huwa tas-Sur Caruana li qed jagħmel *reques*t biex fejn il-housing estate issir xi tip ta' gradilja għax meta tkun ix- xita diffiċli biex taqsam min-naħa għal oħra tal-binja. Għandna nitolbu aktar informazzjoni filwaqt li mmoru 'on site' meta jiġi l-Perit tat-TM. Is-Sur Caruana għandu jiġi nfurmat dwar dan.

7.13 Il-Kunsill irċieva mingħand it-TM fuq *request* għall-*Reserved parking* għas-Sur Leo Vassallo Cesareo. Il-Kunsill qabel li dan japprovah u jista jsir fi Triq Ramiro Barbaro jew fejn hu l-aħjar għalih.

7.14 Waslet request biex jitneħħa parkeġġ fi Triq San Licinju Ħal Lija faċċata ta' dar tas-Sinjura Busuttil nr.13 għaliex qiegħed ikun ta' inkonvenjent biex tidħol u toħrog minn ġol-garage. Il-Kunsill għandu bżonn iktar informazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fuq dan.

7.15 Id-Dipartiment ressaq Memo 4 2015 fejn talab biex kull Kunsill iwaqqaf Kumitat tal-Finanzi. Dan il-Kumitat irid ikun magħmul mis-Sindku, s-Segretarju, l-Accountant u persuna oħra. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġerit li dan il-Kumitat ikun magħmul mill-Accountant, minnha bħala Sindku, mis-Sinjura Georgette Borg, bħala Segretarju Eżekuttiv u min Dr. Marc Sant bħala Minority Leader. Dr. Marc Sant aċetta u l-Kunsill qabel unanimament.

7.16 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda e-mail b'*invoice* tal-liċenzja tal-van tas-sena l-oħra. s-Segretarju nfurmat li matul is-sena li għaddiet xorta waħda il-van kellu liċenzja imwaħħla fuq il-*windscreen*. Is-Segretarju nfurmat li hija kelmet lil Ex. Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn din infurmat li b'misvista din ma tħallsitx imma din għandha titħallas. L-Ammont huwa ta' €751.47 għal perjodu ta' xahrejn għas-sena 2013 u s-sena 2014. Il-Kunsill raw li l-kont huwa għoli u ma jistawx jifhmu kif is-sena l-oħra

kellna l-insurance imhallsa u liċenzja fuq il-windscreen. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkljaw ma' l-Insurance biex jagħtina **breakdown** ta' l-*invoice.*

7.17 Ġie deċiż li għas-sena d-dieħla niċċekkjaw ma' *Insurance brokers* oħra fuq l-insurance tal-van għax huwa għoli ħafna. s-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Peak Insurance infurmaw li t-transfer tal-van kellu jsir fuqha peress li s-Segretarju ma issuqx, ma setax tagħmel it-transfer fuqha.

7.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Nuadi nfurmat lill-Kunsill li matul din il-ġimgħa kellmuha residents minn ta' Senna fejn ressqu lment li l-ħajt li jiġi għal fuq il-ġnien ta' Villa Francia infetaħ u għamlu *gate* pulita, hemm kaxxa ta' fejn joqgħod il-pulizija u anke għamlu xi ċnagar. Dan kollu qiegħed fi triq Nazju Cortis. Is-Segretarju nfurmat li hija ċemplet lil OPM biex tistaqsi x'kien qed jiġri. Intbagħtet e-mail lis-Sur Kevin Abela OPM kif kienu qalulha biex tagħmel. Wara li ntbagħtet din l-e-mail ġiet risposta mingħand is-Sur Tommy Debono ta' TM (il-Kunsill kien ikkupjat) u qalu li peress ser isiru xi xogħolijiet ġo Villa Francia, il-permess għal *temporary gate* u *double yellow lines* kien ingħata sakemm jitlestew ix-xogħolijiet imma kif kollox ikun lest kollox għandu jerġa' jiġi kif kien. Is-Segretarju anke ressqet il-permess tal-PA fuq Villa Francia. Dan qed isir biex ikunu jistgħu idaħħlu l-inġenji tax-xogħolijet li ser isiru. Is-Sindku nfurmat li r-residenti xorta qed igergru għax qalu li ittiħdetilhom il-*privacy* tagħhom u temporanju ma nafux kemm ser jieħu żmien.

7.19 Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw ma' l-OPM biex naraw kemm ser idumu ix-xogħolijiet bejn wieħed u ieħor. Din l-informazzjoni nistgħu nagħtuha anke fil-laqgħa tal-lokalita'.

7.20 Is-Segretarju ressqet l-ittra li għandha tintbagħat lid-Direttur tad-DLG fuq Triq Il-Pantar fejn qalet li għada qed tistenna *feedback* mingħand il-Kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu li din għandha tintbagħat b'kopja lill-*Electoral Commissioner Letter.*

7.21 Is-Sinjorina Lorraine qalet li għandna nagħmlu l-istess biex Triq tat-Torba għalkemm joqgħodu xi residenti, il-Kunsill għandu jagħmel *request* biex din tiġi arterjali ukoll.

7.22 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk jistax jistaqsi hu (mhux ufficjali) biex Pantar Road tiġi triq arterjali.

7.23 Resident ieħor għamel *request* għal *double yellow lines* fi Triq Agostino Portelli ma' naħa fejn saret il-bankina. Il-Kunsill kien għamel ir-*request* dawn il-lines, meta titlesta din il-bankina, isiru *double yellow lines* ma l-

istess naħa tal-bankina u mhux man naħa l-oħra. Għandha tintbagħat *request* lit-TM.

7.24 *Request* oħra mingħand residenti għal 'keep clear' jew *double yellow lines* fi Triq Nazju Cortis fejn waqfet il-bankina u saret rampa għaliex ġieli jipparkjaw eżatt magħha u għalhekk la min ikun b' *wheel chair* ma jkun jista jħaddi u lanqas xi ħadd bil-*push chair.* Il-Kunsill qabel li jew isiru dawn il-lines jew issir kaxxa safra zgħira u għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qal li peress din *stands to reason*, ma hemmx bzonn li nitolbu il-permess tat-TM.

7.25 Is-Sindku, s-Sinjura Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hija kellha mar-Regjun u kien kemm proposta mingħand il-Klikk fejn dawn qed joffru għoxrin siegħa għal *maintenance* fuq *printers* u *computers* fis-sena. Is-Sindku qalet li kien hemm affarijiet jgħoddu għalina imma kien hemm affarijet mhux daqshekk jgħoddu. Is-Sindku kompliet tinforma li waqt il-laqgħa l-iktar ħaġa li intoġġħbot hija li jekk ikollok *printer* bil-ħsara dawn jagħtuk *printer* ieħor biex tinqeda sakemm jissewwa.

7.26 Hija qalet li ir-Regjun oġġħbithom din l-offerta u qed jaħsbuha. Il-ħlas ta' dan is-servizz huwa €500 fis-sena. Is-Segretarju nfurmat li nhar il-Ġimgha 27 ta' Frar għandha ssir laqgħa l-Ufficcju tal-Kunsill fejn kull ma ser tagħmel tieħu l-informazzjoni biex tressqu quddiem il-Kunsill imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi.

7.27 Is-Segretarju tat rendikolt tal-fondi tar-Regjun Ċentru fil-Bank fejn l-ammont li ġie depoiżitat oriġinarjament kien ta' €5,500 imbagħad bejn Lulju u Novembru jew depożitati €7,905 filwaqt li l-bank l-ewwel ġibdu €2,440 imbagħad €3,060. Il-bilanċ ta' dan il-fond illum l-Erbgha 25 ta' Frar huwa ta' €7905.

7.28 Is-Sindku kkonfermat li l-fondi tal-Kunsill għandna inħalluhom ir-Regjun u meta nagħmlu proġett noħorġuhom. Is-Segretarju nfurmat li Hal Lija l-inqas li ħadu bħala fondi. Dan dovut li postijiet oħra għandhom *cameras* arloġġi etc għalhekk jaqilghu iktar ċitazzjonijiet.

7.29 Hawnhekk is-Sinjorina Stephanie Cutajar talbet lill-Kunsill biex tkun tista titlaq u l-ħin bħalissa kien is-7.30p.m. Peress li kienet ser titlaq il-Kunsilliera iddiskutu meta ser tkun il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-laqgħa li jmiss għandna ngħidu lill-Kappillan jiġi biex niffinalizaw il-fondi mill-Festival taċ-Ċitru.

7.30 Is-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa li hija kellha fuq it-*Three villages touristic proposal* u li għalihom ma hemmx bżonn fondi. Waqt din il-laqgħa tressqu proposta għat-turisti għat-tlett villaġġi flimkien. Il-kunċett

huwa li iridu it-tlett villaġġi jaħsbu għalihom anke mill-fondi ta' l-europa għat-turisti bħal per eżempju xi 'bus rides' minn villaġġ għal ieħor. Biex ngħinuhom nibagħatulhom il-postijiet ta' interess kollha fil-lokal u anke l-*Heritage Walk* anke xi *interactive boards*.

7.31 Is-Sindku qalet li l-informazzjoni li riedu għalissa tatilhom. Hija xtaqet tinforma lill-Kunsill dwar dan.

7.32 Is-Sindku tkellmet fuq *time parking zones* fi Triq Giuseppe Cali u Ta' Senna. Is-Sindku qalet li għandna nerġgħu nistaqsu lit-TM biex nerġgħu nitolbu dawn *it-time parking zones* u anke Triq Preziosi. Jekk it-TM jaċċettaw ir-*requests* tagħna nistgħu nerġgħu nibagħtulhom l-applikazzjonijiet li konna bagħtnilhom.

7.33 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-grada tal-football fi Triq Giuseppe Cali qed tibqa' miftuħa. Wara li tlestew ix-xogħolijiet din kellha tingħalaq. Ir-Residenti qed jitolbu bis-serjeta li din għandha tingħalaq għax qed tikkawża ħafna problemi hemm ġewwa. Il-Minority leader Dr Marc Sant informa li ma jafx jekk tistax tingħalaq peress li kull tant żmien jsir *maintenance*. Is-Sindku qalet li wara li tintuża din għandha tingħalaq biex ir-residenti jieħdu daqsxejn 'respite'.

7.34 Is-Segretarju tat rendikont ta' x'kien hemm flus dakinhar l-Erbgħa 25 ta' Frar

| | |
|---|---|
| Current AċC | 0.02 |
| Savings AċC | 41,996.00 |
| Savings AċC | 572.00 |
| Fixed Account | 8,010.00 |

| | |
|---|---|
| Ċekkijiet pendendi li għandhom ma tqassmux | 31,835.49 |
| Invoices li għadhom pendenti | 20,000.00 |
| *Payments schedule* – Feb 25, 15 | 7,250.33 |

Ammont ta' kredituri llum

L-Erbgħa 25 ta' Frar 2014 59,085.82

7.35 Is-Segretarju nfurmat li għalkemm qed nonfqu mill-inqas, xorta waħda għadna ma ġejniex fuq saqajna.
7.36 Is-Segretarju ressqet fuq il-Mejda tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti għax xahar ta' Frar 2015.
7.37 Il-Minority Leader staqsa fuq il-pagament tal-Peak u s-Segretarju nfurmat li dak kellu jitħallas peress li kellha titħallas l-Insurance u l-liċenzja fuq il-van għax kienet ser tiskadi fit -28 ta' Frar 2015.

## 8. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

8.1 Il-Kunsill approva il-pagamenti ta' Frar li kienu veru il-bżonn. Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagament NR 6 dak tal-*Performance Bonus* tas-Sinjorina Gabriella Agius li kienet l-Aġent Segretarju Ezekuttiv.

8.2 Il-Kunsill iddeċieda li laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu fl-4.00p.m 2015 u kif qablu ser jiħi mistieden il-Kappillan.
8.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-problema tal-ġbir tal-*garbage* fi Triq id-Dejqa il-ġurnata ta' qabel. Is-Segretarju nfurmat li hija kellmet lil *Waste Collection* fejn qalu li dakinhar kien hemm driver ieħor u mhux id-driver tas-soltu. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hija ħasbet li l-problema kienet minħabba ix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq id-Dejqa imma ma kienx hekk. Ir-*recycling* li ma kienx inġabar dakinhar kellu jinġabar l-għada.
8.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-'one way' sign fi Triq Kardinal Ferretti u li din bix-xemx il-kulur iċċara. Għandna ngħidu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jizbgħu dawn is-signs.
8.5 Is-Sinjoriane Lorraine Farrugia qalet li l-isfel mill-Mithna f'Annibale Preca hemm ħafna *potholes* biex dawn jissewwew mill-ħaddiema tal-Kunsill.
8.6 Is-Sinjorina Lorraine Farruig qalet li faċċata ta' triq Dun Gusepp Tanti hemm mera li hija maħmuga li għandha bżonn titnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill.
8.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi triq Id-Dejqa hemm xi sinjali ħomor u r-residenti qed jistaqsu jekk hux ġejja xi bankina jew x'ser jiġri.

Is-Segretarju għandha tikkuntattja WSC fuq dan l-ilment. Is-Sinjorina Farrugia trid risposta kemm jista jkun malajr.

8.8 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kotba ta' Salvu 'Ħal Lija fi Tfuliti'. Is-Sindku qalet li dawn għadhom ma inbiegħux kollha u forsi nistaqsu lill-Kappillan biex naraw x'jista jagħmel forsi ikunux jista' ibiegħ min dawn il-kotba.

8.9 Il-Minority leader Dr. Marc Sant staqsa li fejn l-Għajn ta' l-ilma kellhom isiru 'stop signs' jew 'street markings' biex min ikun ġej minn ħdejn *Garfields Stationery* iżomm in-naħa tiegħu u anke biex jerġgħu jittattew iz-*zebra crossings* bl-iswed. Is-Segretarju nfurmat li dawn diġa konna għattejniehom darbtejn iz-zebra crossings. Dan għandhom jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.10 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-problema tad-dawl fi Trasfiguration Avenue. Din il-problema issolviet għax kien hemm problema imma l-EneMalta suppost sabu soluzzjoni ta' din il-problema.

8.11 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq in-naħa ta' Sur Pule li kellu isir *patching* għax qal li anke ħaxix aħdar qed jitla. Is-Sindku nfurmat li nistgħu nużaw il-fondi tar-Reġjun Ċentru biex isir xi *patching*.

8.12 Il-Minority Leader staqsa jekk stmajniex xi ħaġa fuq l-area tal-Kmand għax semgħa li kien għaddej xi proġett. Is-Segretarju nfurmat li ma kienx hemm xejn ġdid fuq din l-area.

8.13 Is-Sindku tkellmet fuq il-Ma*nagement Letter* u staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienx hemm *feedback* mingħandhom. Hija qalet li l-problemi li hemm huma jew ta' l-*Accounts System* li dawn trid twiegeb l-Accountant jew affarijiet li iridu isiru mill-ufficcju. Din trid tiġi mwieġba sa 19 ta' Marzu 2015. Gie deċiż li nerġgħu nibdew nagħmlu ic-cheque tal-petty cash għal ammont ta' €23.29.

8.14 Ġie deċiż li l-laqgħa ma' Dr.Maria Attard fuq *traffic Management* tkun nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2015 fil-5.00p.m.

## 9. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fl-20.00 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |